# LECTIO DIVINA

# IT-II ĦADD TAL-AVVENT (SENA A)

**Mt 3, 1-12**

Il-figura ta' Ġwanni l-Battista tidher fl-erba' vanġeli, u r-rakkonti tas-sinottiċi huma kważi identiċi f'dak li jirrakkontaw fuqu u fuq ir-relazzjoni tiegħu ma' Ġesù. Milli jidher il-Battista mhux biss kien persunaġġ magħruf ħafna f'ħajtu, imma l-memorja tiegħu baqgħet qawwij a wkoll wara mewtu saż-żmien li nktibu l-vanġeli (eż. anki Ġużeppi Flavju jitkellem dwaru). Ir-rabta qawwija tiegħu, min-naħa l-waħda mat-tradizzjoni Lhudija, u min-naħa l-oħra r-riferiment tal-predikazzjoni tiegħu għall-miġja tal-Messija rikonoxxut f'Ġesù, jġiegħlu lill - ewwel Insara sabiex jistaqsu lilhom infushom dwar is-sinjifikat ta' dan il-persunaġġ hekk qawwi u kontroversjali.

Għal Mattew, Ġwanni l-Battista huwa dixxiplu ta' Ġesù. Allavolja kronoloġikament ġie qablu, il-kliem tiegħu u l-ispirtu li bih jaġixxi jixbħu ħafna lil ta' Ġesù. Huwa xi ħadd li għaraf is-sinjali taż-żminijiet u rnexxielu jimita minn qabel lil dak li kien qed jistenna. Din hija wkoll l-isfida tal-ewwel Insara u tal-Knisja tul iż-żminijiet sat-tieni miġja tal -Mulej: bl-imġjieba tagħha tipprova tantiċipa kif tista' tkun it-tieni miġja ta' Kristu, b'tali mod li meta jiġi, il-bnedmin ikunu qed jistennewh u ma jinħasdux għal kollox. Bħalma l-predikazzjoni u l-għemejjel tal-Messija jmorru 'l hemm minn dak li qed jistenna l-Battista, hekk ukoll it-tieni miġja tal-Mulej tissorprendi saħansitra lil min ikun qed jistenniha. Imma bħalma l-Battista fl-aħħar mill-aħħar jagħraf f'Ġesù dak li kien qed jistenna (bid-dubji kollha li dan qajjem fih) hekk ukoll id-dixxiplu ta' Ġesù jirnexxielu jagħraf lil Sidu.

**v. 1: F'dawk il-jiem, deher Ġwanni l-Battista jippriedka fid-deżert tal-Lhudija**

L-espressjoni "f'dak il-jiem" tintuża hawnhekk biss minn Mattew. Jeħodha mill-Testment il-Qadim, speċjalment mil-letteratura profetika. Din l-espressjoni ma tindikax il-dati jew is -snin, u ma tirreferix għall-passat, imma hija tħabbira solenni li minn dan il-waqt jibda' ż-żmien tal-aħħar, l-era messjanika. Ġwanni 'jidher' (il-konnotazzjoni ta' xi ħaġa li toħroġ għad-dawl) għax il-miġja tiegħu hija sinjal ċar ta' rivelazzjoni minn Alla (cf. Titu 2, 11). Jidher fid-deżert, mhux

fit-tempju jew f'Ġerusalemm, imma f'post fejn ħadd ma jobsor. Il-grazzja ta' Alla li tidher fejn l-inqas inkun qed nistenniha.

**v. 2: u jgħid: "Indmu, għax is-saltna tas-smewwiet waslet"**

Il-predikazzjoni tal-Battista taqbel ma' dik ta' Ġesù. Anki Ġesù jibda l-predikazzjoni tiegħu b'dan il-messaġġ (cf. 4, 17). L-indiema li qed iniedi Ġwanni għad m'għandhiex kontenut speċifiku. Tixbaħ lill-indiema li kienu jħabbru l-profeti: distakk radikali minn dak li kien jgħodd għalija s'issa. Imma filwaqt li l-profeti kienu jħeġġu r-ritorn għall-passat (ġeneralment għall-Patt u għar-relazzjoni oriġinarja ta' Iżrael ma' Alla) il-Battista jorjenta l-indiema lejn il-futur, "is-saltna tas-smewwiet" li ġejja. Huwa Ġesù imbagħad li jagħti kontenut speċifiku lil din il-metafora. Il-qtugħ mill-passat hu immotivat u msaħħaħ mill-ħarsa lejn il-futur.

**v. 3: Għax għalih kien ingħad permezz tal-profeta Isaija, meta qal: "Leħen ta' wieħed jgħajjat fid-deżert: Ħejju t-triq tal-Mulej, iddrittaw il-mogħdijiet tiegħu".**

X'kienet din it-triq tal-Mulej fid-deżert li jsemmi Iżaija (Iż 40, 3). Il-profeta jordna l-bini ta' triq li mill-Babilonja taqsam id-deżert u twassal sa Iżrael, sabiex il-poplu Lhudi jkun jista' jerġa lu ra mill-eżilju. Hija t-triq tal-Mulej għaliex Alla ta' Iżrael jakkumpanja dejjem lill-poplu tiegħu u allura din it-triq fl-aħħar mill -aħħar tinbena għaliha. Dan huwa wkoll l-għan aħħari tal-konverżjoni: mhijiex biss ġrajja individwali jew komunitarja imma mod kif nagħmel spazju għal Alla fil-ħajja tiegħi u niftaħlu triq biex permezz tiegħi ikun jista' jasal f'imkejjen u għand persuni oħrajn.

**v. 4-5: Dan Ġwanni kellu fuqu libsa tax-xagħar tal -ġemel, bi ħżiem tal-ġild madwar qaddu, u l-ikel tiegħu kien ġradijiet u għasel selvaġġ. U kienet tmur għandu Ġerusalemm u l-Lhudija kollha u l-inħawi kollha ta' madwar il-Ġordan.**

Mattew jieħu ħsieb li juri r-rabta ta' Ġwanni mat-Testment il-Qadim. Jilbes bħall-profeti, partikularment bħal Elija (cf. 2 Slat 1, 8), il-profeta li skont tradizzjoni ġudajka kellu jerġa jiġi qabel il-Messija. L-ikel tal-ġradijiet kien permess min-normi lhud, u l-għasel kien meqjus ikel pur (*kosher*). Dan il-kuntest konformi mal-Liġi u t-tradizzjoni jattira lill-Lhud u jqajjem fervur.

**v. 6: u kienu jitgħammdu minnu fix-xmara Ġordan huma u jistqarru dnubiethom**.

L-ewwel sinjal ta' konverżjoni huwa li wieħed iħalli li jiġi mgħammed minn ħaddieħor (*epabtizonto* huwa fil-passiv). Kienu diġa jeżistu riti fejn wieħed jinħasel, imma l-magħmudija mingħand ħaddieħor hija xi ħaġa ġdida (tant li Ġwanni jiġi mlaqqam l-Għammiedi). Mhux

biżżejjed dak li wieħed jagħmel għalih innifsu, imma biex jindem verament wieħed irid jagħraf jintelaq f'idejn ħaddieħor. L-isforz biex il-persuna toħroġ mill-awto-suffiċjenza "għax kull min irid jeħles ħajtu, jitlifha" (Mt 16, 25)

**v. 7-9: Kif ra bosta mill-Fariżej u mis-Sadduċej ġejjin għall-magħmudija tiegħu, qalilhom: "Ja nisel il-lifgħat, min uriekom kif għandkom taħarbu mill-korla li ġejja? Agħmlu mela frott xieraq tal-indiema, u taħsbux li tistgħu tgħidu fikom infuskom: "Għandna b'missier lil Abraham". Ngħidilkom li Alla, minn dan l-istess ġebel, jista' jqajjem ulied lil Abraham.**

L-evanġelista jindikalna li l-għedewwa ta' Ġesù kienu wkoll l -għedewwa ta' Ġwanni, tant li dan tal-aħħar jgħidilhom l-istess kliem li kien se jgħidilhom Ġesù (cf. 12, 34; 23, 33). Huwa dak li jaħsbu f'qalbhom u li jgħidu fihom infushom li jindika r-reżistenza u s-suppervja tagħhom, anki jekk esternament qed jagħmlu att ta' ndiema (eż. Mk 2, 6; Lq 18, 11). Huwa propju dan l-atteġġjament, flimkien mas-sigurtajiet foloz tagħhom, li jċaħħdilhom l-possibilità li jilqgħu bil-libertà l-Kelma ta' Alla u jindmu tassew. X'jurini dwari nnifsi l-kummentarju interjuri li nagħmel fuq l-oħrajn, fuq dak li jiġri, fuqi nnfisi? Jurini ħjiel ta' suppervja?

**v. 10: Il-mannara ġa tressqet ma' għerq is-siġra; u għalhekk, kull siġra li ma tagħmilx frott tajjeb titqaċċat u tinxteħet fin-nar.**

Hawnhekk naraw il-kontinwità tal-predikazzjoni ta' Ġwanni ma' dik tal-profeti. Anki għalihom, it-tqaċċit tas-siġar hija metafora tal-ġudizzju ta' Alla (cf. Is 10, 33). Anki Ġesù juża din il-metafora, imma bid-differenza li hemm ukoll il-qaddej li jipperswadi lis-sid biex lis-siġra iħalliha sena oħra (cf. Lq13, 6-9). Kuntrarju għal dak li kien qed jistenna Ġwanni, il-Messija flok iġib il-ġudizzju mal-ewwel, jappella għall-paċenzja tal-Missier sabiex itawwal iż-żmien tal-konverżjoni.

**v. 11-12: Jien, ngħid għalija, ngħammidkom bl -ilma għall -indiema; imma min ġej warajja hu aqwa minni, u jien ma jistħoqqlix inġorr il-qorq tiegħu. Hu jgħammidkom bl-Ispirtu s-Santu u n-nar. Il-midra qiegħda f'idu, biex iderri l-qiegħa tiegħu u jiġbor il-qamħ fil-maħżen, imma t-tiben jaħarqu b'nar li ma jintefiex.**

Il-kelmiet "min ġej warajja hu aqwa minni" huma sinjal ċar li Ġwanni nnifsu kien l-ewwel wieħed li qed jindem. Jirnexxielu jagħraf is-saltna ta' Alla f'xi ħadd li "ġej warajh" mhux biss f'sens kronoloġiku imma wkoll, x'aktarx, f'xi ħadd li letteralment miexi warajh, jiġifieri li hu

dixxiplu tiegħu. Huwa sinjal ta' bidla ta' mentalità (*metànoia*) għaliex umanament huwa attraenti ħafna l-ħsieb li min ġej warajja huwa agħar minni, l-iktar għal xi ħadd bħal Ġwanni li kien fil-quċċata tal-popolarità tiegħu. L-għarfien tal-limiti kemm taż-żmien kif ukoll tan-natura tal-missjoni tiegħu, u l-kapaċità tiegħu biex jagħmel spazju lil ħaddieħor jiżguraw l-awtentiċità tiegħu bħala dixxiplu ta' Kristu. Minħabba f'dan kliemu u għemilu mhumiex validi biss għall-Lhud imma għall-Insara ta' kull żmien. L-isfida taċ-ċentralità ta' Kristu fil-missjoni tan-Nisrani hija kruċjali u diffiċli.